MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Numru 655/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**vs**
**Lineker David Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Lineker David Micallef** ta' 19-il sena bin Mario u Emanuela *nee'* Calleja, mwieled Pieta' fl-10 t'April 1987 residenti 84 Triq in-Naxxar, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 196887M;

Talli fl-4 ta' Lulju 2006 fl-inhawi ta' Wied Hal-Balzan Hal-Balzan ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Pioneer minn go vettura ta' l-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni HBB 123, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Josephine Scerri;

Talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta' serq;

Talli sar recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 Tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fi zmien operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhar il-25 ta' Mejju 2004;

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni kondizzjonata tal-imputat dwar l-ewwel akkuza kif ravvizata fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju, 2006. Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2008;

Minkejja din l-ammissjoni l-Qorti tista' ssib htija biss fuq l-ewwel u t-tielet u qed tilliberah mit-tieni akkuza stante li din hija wahda alternattiva ghall-ewwel akkuza ta' serq;

Illi ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet akkuza; Fil-konfront tat-tielet akkuza, jirrizulta illi fit-30 ta' Lulju 2008, l-Qorti tal-Appell kienet gia hadet konjizzjoni tal-istess cirkostanza u kienet kkonvertiet is-sentenza sospiza f'habs effettiv.

Wara li rat l-artikoli 261 (b) u (g) u 278 (2) tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Wara li semghet ix-xhieda tas-social worker u tal-probation officer dwar l-andament pozittiv tal-imputat fi programm ghall-riabiltazzjoni tieghu waqt li qieghed jiskonta terminu ta’ habs;

Tiddeciedi illi tikkundanna lill-imputat ghall-terminu ta’ prigunerija ta’ seba (7) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------